# Il-Kunċett tal-Universalità fil-Letteratura

Student:
Matthew Chappell

Tutur:
Prof. Adrian Grima

# 1. Daħla

Dan l-istudju jiddiskuti l-kunċett tal-universalità fl-arti u fil-letteratura u jipprova jidentifika, permezz tat-teorija, xenarji u modi differenti kif tista' tintlaħaq l-universalità. Fil-letteratura, il-"maġija" letterarja u l-ħila unika tal-awturi għandhom il-possibbiltà li jittrasformaw ix-xogħol fi prodott universali.

## 2. It-tema tal-universalità fl-arti

It-terminu "universalità" jfisser il-ħila ta' entità jew oġġett li jivvjaġġa lejn territorji oħrajn. Għalhekk, jimplika li l-entità jew oġġett kapaċi jiddistakka ruħu mill-paradigma "magħluqa" tan-nazzjon. Għal Paul Jay l-attenzjoni ewlenija m'għandhiex tkun fuq x'inhuma l-karatteristiċi li jiddistingwu l-letteratura Ingliża jew Franċiża, iżda fuq ir-relazzjoni tal-letteratura inġenerali man-nazzjon, fuq kif il-letteratura ntużat sabiex tintlaħaq xi tip ta' definizzjoni tan-nazzjon innifsu. B'dan il-mod jinxteħet dawl fuq l-irwol tal-letteratura f'din l-attività globali (42). Mill-Illuminiżmu 'l hawn, it-teorija letterarja ppreżentat il-letteratura bħala kitba li wieħed mill-għanijiet ewlenin tagħha huwa li tgħolli l-post li fih twieldet. Hija letteratura li trodd "il-poter" lin-nazzjon. Din l-idea madankollu ma tippreżentax ix-xogħlijiet letterarji fl-istat naturali tagħhom għaliex il-letteratura, kif jgħid Jay, mhix marbuta biss mal-kawża nazzjonali iżda tieħu direzzjonijiet differenti għax hija "*multidirectional*" (42). "*We need to continue to reorganize the study of literature in ways that move us beyond the outmoded nationalist paradigm in which we still operate*" (42). Ngħidu aħna r-rumanz storiku, minkejja li għandu kwalitajiet li jippreżentaw sew it-territorju tiegħu, għax wara kollox dik kienet waħda mill-intenzjonijiet tar-rumanz ta' dak iż-żmien, mhux xieraq li norbtuh biss mal-kawża nazzjonali, għax għandu kwalitajiet oħrajn li kapaċi jaqtgħuh mill-post tiegħu u jagħtuh dimensjonijiet usa'. F'*Ineż Farruġ,* mill-partikularità tal-persekuzzjoni ta' familja, ngħaddu għal qagħda aktar universali li tippreżenta l-persekuzzjoni ta' pajjiż taħt ħakma barranija. Il-familja ta' Farruġ f'Malta ssir poplu universali. Jiġifieri minkejja li x-xogħol ta' Caruana għandu aspetti li jorbtuh direttament ma' Malta jista' wkoll jiġi interpretat minn perspettiva universali. L-istess jidher f'Dun Karm illi bħala poeta nassoċjawh man-nazzjonaliżmu u l-patrijottiżmu Malti. Minkejja li parti importanti mil-letteratura tiegħu hija eloġju lil Malta, fil-qalba tax-xogħlijiet tiegħu jiddiskuti temi universali bħalma huma l-Kristjaneżmu, ir-relazzjoni tal-bniedem mal-ambjent rurali u urban, l-iben u l-omm, u l-maternità u l-iżvilupp tagħha f'dimensjonijiet differenti. Dawn l-argumenti m'għandhomx x'jaqsmu biss ma' Malta. Ir-rakkont awtobijografiku *Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben)* jintrabat ma' Malta għaliex Immanuel Mifsud jagħmel bosta referenzi għal postijiet u ġrajjiet marbutin ma' Malta imma min-naħa l-oħra jipparteċipa f'avventura lil hinn mill-post li fih inkiteb ix-xogħol għaliex jipprova jesplora l-maskulinità u l-paternità.

Il-problema għal Szeman u O'Brien hija li *"the nation has remained the frame within which the meaning and significance of a text are thought to be spatially located"* (605), għaliex il-qari tal-letteratura jista' jillimita ruħu għall-ambjentazzjoni tax-xogħol imma jista' wkoll, kif jgħid Jay, jaqbad direzzjonijiet differenti.

L-għan tiegħi mhuwiex li nipprova nistabbilixxi xi tip ta' definizzjoni assoluta tal-universalità jew nagħti tweġiba diretta għall-mistoqsijiet dwar is-suġġett. Għalhekk, ma nistax niġbed konklużjoni dwar jekk jistax jintlaħaq qbil fuq l-universalità fl-arti, anzi nġib argumenti sabiex nuri li dan il-fenomenu m'għandux ikollu konklużjoni. Hija n-natura tal-kunċett stess li ma titlobx konklużjoni, bħalma m'hemmx konklużjoni għall-mistoqsija l-kbira dwar x'inhi l-arti. Jekk għad naslu għal konklużjoni, ifisser li l-kunċett tilef ruħu u ma baqax dinamiku. L-uniku qbil li jista' jintlaħaq huwa li kull tip ta' xogħol letterarju għandu l-kapaċità li jikkomunika mal-bniedem għaliex b'dan il-mod l-arti tibqa' ħajja. L-idea tal-universalità tkiddu sew lill-bniedem għaliex jaħkmuh id-dilemmi l-kbar dwar kif xogħol letterarju jista' jkollu l-kapaċità li jgħix fi spazju għalih waħdu, jew aħjar kif jgħid Croce f'"intuwizzjoni kosmika." Meta ngħid "fi spazju għalih waħdu" m'iniex infisser li l-letteratura tgħix ġo vakwu iżda li għandha l-kapaċità li tgħammar f'kull post u f'kull żmien. L-arti, b'mod ġenerali, tinsab f'komunikazzjoni kontinwa magħna, il-pittura bil-kuluri, il-mużika bil-melodiji, u l-letteratura bil-kliem.

Fil-ħarsa ġenerali lejn il-letteratura, il-mużika, il-pittura u l-arkitettura, nagħti eżempji differenti sabiex nuri kif l-argument dwar l-universalità jista' jieħu xejriet differenti u jiġi applikat għall-forom kollha tal-arti. Fil-każ tal-mużika, din għandha relazzjoni mill-qrib ħafna mal-emozzjoni tal-bniedem għaliex bħalma naraw fil-films, il-mużika hija l-iktar forma ta' arti li tmiss direttament lill-individwu. Fl-osservazzjoni tiegħi dwar il-letteratura, nagħmel referenza għal Charles Larson għaliex meta qabbel il-letteratura Afrikana ma' dik Ewropea, ħarġu opposti interessanti għaliex dak li hu modern jew komuni għan-nies tal-Punent, għal dawk tal-Afrika donnu qatt ma eżista (Larson, "Can Literature be Universal?"). Il-kulturi tal-post jistgħu jkunu ta' theddida għall-universalità għaliex kull kultura għandha sett ta' valuri, normi u drawwiet relattivament awtonomi u għalhekk l-użu tat-terminu "universalità" jista' juri ċertu nuqqas ta' responsabbiltà. Kull xogħol letterarju, minbarra li teknikament iħaddan mekkaniżmu sħiħ ta' organiżmi żgħar, huwa wkoll stampa tal-kultura tal-post u tal-valuri tal-

awtur jew l-awtriċi f'dak l-istess post. It-terminu "universalità," fih innifsu, diġà jindika li mhux terminu innoċenti biex wieħed jużah għal deskrizzjoni ta' xogħol. Sabiex xogħol ikun meqjus universali jrid qabelxejn isegwi dak il-proċess li jsemmi Friggieri, jiġifieri li l-oġġett partikolari jiġi "mmanipulat" mill-awturi u jinbidel f'emblema universali. Din l-idea tal-kultura hija kostruzzjoni tal-bniedem u għalhekk, għax il-bnedmin huma lkoll differenti, ħolqu sett ta' karatteristiċi distinti minn xulxin u bdew isejħulhom "kultura."

Permezz tal-mobilità, xogħol li nkiteb f'post jista' jilħaq irkejjen oħra tad-dinja. L-argument tiegħi hawnhekk huwa li mhix l-universalità li tagħmel xogħol applikabbli għal postijiet oħra iżda l-kwalitajiet speċjali ta' dan ix-xogħol li jeħduh fi vjaġġ globali. L-aktar perspettiva li assoċjajt ruħi magħha hija dik ta' Stephen Greenblatt għaliex jagħmel distinzjoni partikolari bejn il-mobilità u l-universalità ta' xogħol letterarju. Għal Greenblatt, il-kunċett tal-universalità huwa biss ħrafa u f'intervista tiegħu jitkellem fuq id-distinzjoni artistika bejn dak li hu universali u dak li kapaċi jiċċaqlaq minn post għal ieħor (Greenblatt 0:05-3.57). Ix-xogħol kapaċi jivvjaġġa iżda nkunu qed nissugraw jekk insejħulu "universali" għaliex diffiċli ħafna li jinqata' kompletament mill-post li fih issawwar. Ir-rakkont *Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben)* għandu kwalitajiet b'saħħithom ta' mobilità għax jista' jiċċaqlaq 'il bogħod minn Malta iżda ma jfissirx li dan huwa universali għaliex il-kuntest Malti huwa prominenti sew. Xogħol letterarju jista' jkollu elementi u karatteristiċi li permezz tagħhom jista' jivvjaġġa minn post għal ieħor u minn żmien għal ieħor. Dawn l-elementi u karatteristiċi ma jagħmluhx "universali" b'xi mod maġiku jew misterjuż: huma kwalitajiet konkreti li għal raġunijiet storiċi kapaċi jfissru xi ħaġa, kapaċi jmissu l-qalb, kapaċi jsaħħru anki lil qarrejja fi mkejjen u żminijiet differenti.

## 3. L-estetika fil-prattika

Hawnhekk niffoka fuq kunċett aktar partikolari: li, skont Friggieri, l-estetika hija element determinanti fl-universalità ta' xogħol letterarju (4). L-estetika, fi kliem Terry Eagleton, hija esperjenza li ngħixuha kuljum tant li jsejħilha d-diskors tal-ġisem (*Ideology* 13). Huwa jirreferi għaliha b'dan il-mod għaliex oriġinarjament il-kelma "estetika," li ġejja mill-kelma Griega "*aisthetikos*," ma kellha ebda relazzjoni mal-arti, anzi kienet tfisser il-mod kif il-bniedem iħares lejn l-ambjent ta' madwaru. Kienet meqjusa bħala l-perċezzjoni umana u r-relazzjoni tagħha mas-sensi. Lil hinn mill-ħsieb, jgħid Eagleton, jeżisti territorju sħiħ li

mhu xejn inqas mill-eżistenza karnali tagħna mibnija fuq is-sensi biex nesperjenzaw istintivament id-dinja ta' madwarna. L-estetika għandha x'taqsam mal-eżistenza tal-bniedem fl-umanità primittiva tiegħu (*Ideology* 13). Il-ħsieb razzjonali ma jħallix lill-bniedem jaġixxi bl-istint. Il-ħsieb kważi kważi jxekkel l-istint bil-konsegwenza li jtellef mill-esperjenza sħiħa tal-estetika. Jekk l-estetika hija verament ħajja fis-soċjetà, is-soċjetà tiddeterminaha u tibdilha skont il-bidliet li tesperjenza. Għalhekk l-idea tal-estetika tevolvi mas-soċjetà. L-estetika hija għodda tal-universalità artistika u, minkejja li ma niddiskutix it-teorija fiha nnifisha (bħalma huma s-suġġettività u l-oġġettività tal-estetika), nesplora l-interrelazzjoni bejn il-kunċett innifsu u l-ħajja ta' kuljum. B'dan il-mod ma nkunx qiegħed infisser li ħajjitna tista' titqies bħala "arti," iżda essenzjalment hija bbażata fuq dak li hu sabiħ. L-estetika tmiss ma' sitwazzjonijiet u esperjenzi komuni mill-ħajja ta' kuljum mingħajr ma l-bniedem ikun konxju tagħha, mit-teatru, il-films, l-isports, il-mużika, u l-moda, sax-xjenza, il-politika u t-tisjir. Dan jidher ukoll fir-reklami tal-karozzi għaliex ebda karozza ma tidher maħmuġa, maħbuta jew fit-traffiku (Naukkarinen). It-turiżmu wkoll isegwi proċessi estetiċi għaliex ir-reklamar dejjem jippreżentalna stampi b'xeni u bajjiet mill-isbaħ, pajsaġġi ħodor, bliet antiki u bliet moderni, postijiet tajbin għall-mixi u muntanji li titpaxxa bihom.

L-estetika, għax għandha x'taqsam mas-sabiħ u l-veru, dejjem tipprova tqarribna lejn il-verità u għalhekk tinħoloq l-universalità artistika jew l-esperjenza estetika. It-teknika tal-arti li jinqdew biha l-poeżija, il-film u t-teatru twassalhom biex jinfetħu u jinħallu f'esperjenza estetika u universali. L-estetika ma tibqax biss xi ħaġa li ssaħħrek iżda ssir lenti "maġika" li biha naraw il-veru. Ngħidu aħna, jekk bħalissa qed naraw influss qawwi ta' bini, l-idea estetika u profonda fil-poeżija tippreżenta l-qagħda miskina ta' issa, iżda bl-iktar mod sabiħ u affaxxinanti li jolqotna minħabba l-mod kif inhu maħdum u mqiegħed il-kliem. Il-lingwa tinbidel f'lingwaġġ li jlaqqagħna wiċċ imb wiċċ mar-realtà vera u mhux illużorja. Fit-teatru, Bertolt Brecht ried juri l-"veru" billi joħloq it-teatru tiegħu, teatru li fil-membri tal-udjenza jqanqal ħsieb kritiku dwar il-qagħda li kienu jinsabu fiha fil-ħajja ta' kuljum tagħhom u b'hekk iwassal għal bidla soċjali. Il-valur estetiku tiegħu jispikka għaliex ħares lejn it-teatru minn żewġ perspettivi li jisfumaw f'xulxin: minn naħa ħoloq spettaklu mill-isbaħ għall-udjenza u min-naħa l-oħra ħares lejn it-teatru bħala għodda ta' trasformazzjoni. F'films bħal *A Girl in the River: The Price for Forgiveness* u *Saving Face*, l-ispunt estetiku jwassal

għal bidla soċjali: minkejja l-ħsieb politiku tagħhom, għamlu daqshekk suċċess minħabba l-estetika fil-għid innifsu tagħhom u l-veru li tittrasmetti l-esperjenza estetika joħroġ minnu (Chinoy, "How can artists lead dramatic social change?").

Il-bniedem jitwieled u jissawwar fil-kunċett innifsu tal-estetika. Kważi nasal ngħid li jitnissel mill-estetika għaliex kull ġudizzju li jagħmel, effettivament jagħmlu fuq kriterji estetiċi. Aħna, għax inkonxjament ninnamraw mal-idea tal-estetika, kapaċi niġġudikaw xi ħaġa mingħajr ma hemm il-bżonn li nkunu nifhmu f'dik il-ħaġa. Ngħidu aħna jekk wieħed jara karozza sabiħa, kapaċi jiġġudika s-sbuħija tagħha mingħajr ma jkun jifhem fil-mekkaniżmu sħiħ li bih taħdem il-karozza. Għalhekk, dan nistgħu nagħmluh għaliex l-estetika ma tinsabx fl-oġġett innifsu iżda fil-ġudizzju li aħna nagħtu. L-istess proċess jiġri fit-teħid ta' deċiżjonijiet li aħna nagħmlu fil-ħajja ta' kuljum.

## 4. It-tifsira moderna tal-universalità

F'din il-parti noqrob iktar lejn il-qalba tal-argumentazzjoni għaliex inħares lejn l-universalità minn perspettiva ferm differenti minn kif imdorrijin biha għaliex nagħmel referenza għal proċessi moderni, bħall-globalizzazzjoni, it-traduzzjoni, it-transnazzjonaliżmu u l-letteratura dinjija. Hawnhekk nispjega kif xogħol letterarju llum il-ġurnata, minħabba l-mezzi, jista' jsir "universali" f'ħakka t'għajn. Mill-argument tiegħi dwar l-universalità li tapplika, issa ser nitkellem dwar l-universalità "moderna" li tilħaq numri kbar ta' nies.

### 4.1 Il-Globalizzazzjoni u l-letteratura

Skont James Annesley fil-ktieb *Fictions of Globalisation,* it-testi letterarji, inkluża n-narrattiva fittizja, huma għodda tajba biex nanalizzaw il-globalizzazzjoni fiha nnifisha, il-proċessi tagħha u kif dawn flimkien jixħtu dawl fuq ir-realtà u l-kuntest soċjali u ekonomiku tal-post u lil hinn (163). Annesley jibni d-diskors tiegħu dwar il-proċessi tal-globalizzazzjoni fit-teknoloġija, il-kummerċ u l-migrazzjoni billi juża n-narrattiva Amerikana. Dawn it-tliet oqsma fin-narrattiva fittizja jintrabtu flimkien u f'dik ir-rabta jitwieled il-kumment globali. Ngħidu aħna *Moby Dick* ta' Melville jippreżenta l-industrija tal-kaċċa tal-baleni li fi żmienha kienet waħda stabbli u b'saħħitha (Annesley 88). Min-narrattiva jitwieled il-kumment globali għax l-esperjenzi ta' din l-industrija nistgħu napplikawhom għall-industrija tal-lum li bħall-kaċċa tal-baleni hija parti minn ċiklu

li ma japplikax għal dejjem, mhix sistema eterna. B'mod parallel, kif qabel il-baħar kien jiftaqar bil-qtil tal-baleni, illum jiftaqar bit-tniġġis li l-ħajja moderna ġabet magħha. Mhux biżżejjed li l-awturi jaqbdu temi universali. Sabiex joħolqu argument globali m'għandhomx biss jaqbdu tema li tapplika għall-globalizzazzjoni iżda jħarsu lejn kif il-proċessi tal-globalizzazzjoni jistgħu jsibu kompromess bejniethom fix-xogħol stess u kif għandhom jidħlu fit-tematika (Connell 79). Għalhekk, b'din is-sistema tinħoloq "il-letterarjetà tal-globalizzazzjoni" għax minflok jiġu diskussi temi globali, l-attenzjoni tkun fuq id-dinamika bejn il-proċessi nfushom flimkien man-narrattiva li qiegħda toħloq il-letteratura. Il-letteratura b'dan il-mod tista' tilħaq numri kbar ta' nies għaliex min-narrattiva fittizja jitwieled il-kumment fattwali u globali.

Idea oħra li tkellem fuqha Paul Jay fi *Global Matters: The Transnational Turn in Literary Studies* hija dik li tagħti kemm importanza lit-teknika tax-xogħol letterarju kif ukoll il-kuntest tal-oriġini tiegħu u x'wasslu biex jieħu din il-forma llum. Meta l-persuna ġġorr magħha fil-post il-ġdid il-kultura tagħha, awtomatikament iġġorr ukoll dawk l-affarijiet li s-soltu tikkonsma. Dan l-interess transnazzjonali jidher meta, pereżempju, awtur Amerikan ngħidu li għandu għeruq ta' immigranti Irlandiżi jew Taljani. L-implikazzjoni hi li l-letteratura tiegħu essenzjalment hi prodott ta' dawn il-kulturi nazzjonali differenti. Għalhekk jista' jkun li minħabba li fil-letteratura li jikteb jaf hemm l-influwenza tal-kultura li tnissel minnha, dan l-isfumar bejn il-kulturi u n-nazzjonijiet jagħmel ix-xogħol tiegħu globali. Fil-kitba tiegħu, konxjament jew inkonxjament ikun xorob mill-kulturi li tnissel minnhom.

## 4.2 L-użu tal-Ingliż u l-kolonjaliżmu tal-lingwa

L-Ingliż jikseb post ċentrali f'dan l-argument tal-globalizzazzjoni għaliex letteratura li tinkiteb b'din il-lingwa franka ewlenija, awtomatikament takkwista aktar popolarità minn letteratura li tinkiteb b'lingwa oħra bħall-Malti. Illum l-Ingliż huwa l-lingwa ewlenija tax-xjenza, tan-negozju, tal-ivvjaġġar, tat-teknoloġija, u tal-mezzi soċjali u l-aktar lingwa li tiġi ppubblikata f'kotba, gazzetti u forom oħra ta' kitba (Joy 83). David Crystal iqis din il-popolarità bħala waħda li ssib għeruqha fl-istorja, il-ġeografija, u l-kulturi (29). Illum il-ġurnata niddependu mill-Ingliż u dan jidher, ngħidu aħna, fil-kumpaniji u l-industriji tat-teknoloġija (Crystal 30). L-Ingliż mess kull rokna tad-dinja u dan wassal żviluppi pożittivi, bħas-sens ta' għaqda li lingwa franka

ġġib magħha, u żviluppi negattivi, bħall-mod kif jista' jibla' l-lingwi tal-post. Mingħajr ma jrid, l-Ingliż diffiċli jaqdi l-funzjoni ta' medjatur letterarju dinji indipendenti, kemm minħabba l-wirt kolonjali li hu marbut miegħu kif ukoll minħabba l-poter li jikseb bħala lingwa dominanti li tidher li qed toħnoq kulturi indiġeni jew tal-post. Il-fokus huwa fuq kif l-Ingliż ħa jinfetaħ lil hinn mil-letteratura Anglofona mingħajr ma jagħmilha tal-ħakem (Jay 40).

Id-dominanza tal-Ingliż qed tikber. Il-punt, madankollu, jibqa' li l-Ingliż, irid jew ma jridx, "jikkolonizza" l-letteratura tal-post. Meta ngħid 'forza kolonjali' m'iniex nirreferi għal kontroll assolut għax xorta waħda teżisti l-libertà fit-tipi differenti ta' letteratura madwar id-dinja. Venuti (ikkwotat f'Joy) jistqarr li llum il-ġurnata l-Ingliż awtomatikament jassumi li jekk għandha ssir traduzzjoni ta' xogħol letterarju, din għandha ssir bl-Ingliż. F'din is-sitwazzjoni, il-lingwa "universali" tasal tassorbi letteraturi oħrajn sabiex tintlaħaq din l-idea "globali." L-opportunità biex letteratura ta' post partikolari tinfirex u ssir globali hija ħafna inqas minn dik ta' letteratura mifruxa sew bħal dik Ingliża (jew Spanjola), u għalhekk il-firxa tal-Ingliż qed toħnoq l-ispazju għal letteraturi oħrajn. Jista' jkun li din id-dominanza ġejja l-aktar mill-fatt li jsiru ħafna traduzzjonijiet ta' xogħlijiet letterarji għall-Ingliż u Damrosch saħansitra jistqarr, f'intervista ma' Spencer Lee Lenfield, li għandhom isiru saħansitra iżjed. Minn banda dan jista' jwassal għal nuqqas ta' varjetà u mill-banda l-oħra lingwa franka bħall-Ingliż tista' tesponina għal lingwi u letteraturi illi kieku ma konniex nagħtu kashom u ma kienx ikollna aċċess għalihom.

## 4.3 Il-letteratura dinjija

Irridu nqisu wkoll ir-relazzjoni bejn il-letteratura dinjija u universali għaliex meta xogħol jiġi tradott għal lingwa franka ewlenija, din il-lingwa tqarreb lejn xulxin żewġ kulturi differenti, ikun fejn ikun il-post fejn issawwar ix-xogħol. B'dan il-mod jista' jinqara b'lingwa magħrufa f'artijiet differenti u jilħaq l-akbar għadd ta' nies. "*We must believe in poetry translation,*" jgħid Tomas Tranströmer (ikkwotat minn Parks), "*if we want to believe in world literature.*" Permezz tat-traduzzjoni letterarja jitwieled ċiklu letterarju li fih isseħħ l-interazzjoni sabiħa bejn it-testi nfushom.
Ir-rabta mill-qrib bejn il-letteratura universali u dinjija titkellem fuqha wkoll Pascale Casanova għaliex hija ma temminx li hemm letteratura universali u letteratura tal-post. Casanova temmen li jeżisti "spazju dinji letterarju" li jissawwar bejn il-letteratura u d-dinja. Dan l-ispazju awtonomu jiġbor fih influwenzi

politiċi, soċjali u etniċi mid-dinja kollha (72). Dawn jittrasformaw ruħhom f'forom letterarji li eventwalment joħolqu dinja oħra li tmur lil hinn mill-fruntieri politiċi, nazzjonali u lingwistiċi tal-post. F'dan il-punt tinħoloq dik li Casanova ssejħilha "perspettiva dinjija" li tagħti l-opportunità li tħares lejn il-letteraturi b'mod wiesa' u ndaqs. Għalhekk, Casanova tħares lejn il-letteratura dinjija minn perspettiva universali għaliex fl-interpretazzjoni tagħha tiċħad l-idea tan-nazzjon u tipproponi l-ħolqien ta' dinja oħra li ma jkollhiex x'taqsam mal-postijiet infushom, jiġifieri l-letteratura tkun id-dinja nnifisha, dinja għaliha. Il-letteratura dinjija li qed titkellem fuqha hija "*a market where non-market values are traded, within a non-economic economy,*" letteratura li "titkejjel permezz ta' skala estetika taż-żmien" (72).

## 5. Konklużjoni

L-għan tiegħi huwa li kemm jista' jkun inqajjem argumenti differenti dwar il-kunċett tal-universalità tal-letteratura li s'issa, fil-Malti, ftit li xejn kellna diskors għaddej dwaru. Ma kelli ebda skop li niddeċiedi jekk il-letteratura tistax titqies universali għaliex in-natura tal-kunċett minnha nnifisha titlob ftuħ u mhux għeluq. Il-kulturi jkomplu jagħtu "l-poter" lill-idea tan-nazzjon; l-idea li d-dinja tinqasam f'partijiet differenti tiddetermina wkoll il-ħolqien ta' letteratura partikolari skont dik il-kultura. In-natura tal-letteratura ma titlobx li tgħix waħedha iżda li jkollha post ċentrali fl-attivitajiet tal-bnedmin u għalhekk dawn l-attivitajiet (li huma wkoll parti minn kultura ta' komunità wiesgħa) jista' jkollhom sehem fit-tiswir tax-xogħol innifsu. It-twelid ta' dinja "kklassifikata" f'nazzjonijiet differenti daqslikieku huma separati minn xulxin tista' tkun ukoll ta' theddida għall-kunċett tal-universali. L-aktar perspettiva li nassoċja ruħi magħha hija dik tal-mobilità għaliex hawn titwieled id-distinzjoni bejn il-mobilità u l-universalità ta' xogħol letterarju. Ix-xogħol kapaċi jivvjaġġa, jiġifieri jkun mobbli, iżda nkunu qed nissugraw jekk insejħulu universali għaliex ma nemminx li x-xogħol jista' jinqata' kompletament mill-post li fih issawwar. Dan ifisser li xogħol letterarju, tajjeb kemm huwa tajjeb, jista' jkollu kwalitajiet b'saħħithom ta' mobilità minħabba li jista' jiċċaqlaq 'il bogħod minn Malta iżda dan ma jfissirx li huwa universali għaliex xorta waħda jkollu karatteristiċi moħbijin jew referenzi diretti għall-post li fih inkiteb.

# Biblijografija


Annesley, James. *Fictions of Globalization: Consumption, the Market and the Contemporary American Novel*. A&C Black, 2006.

"Can Art be Universal?" *Youtube*. Intervista ta' Stephen Greenblatt. Imtellgħa minn Big Think, 29 ta' Ġunju, 2012.

Casanova, P. "Literature as a World." *New Left Review*, Nru. 31, 2005, pp. 71-90. wwwmanagement. wharton.upenn.edu/raff/documents/CasanovaLitasWorld.pdf. Aċċessat fil-5 ta' Marzu 2020.

Crystal, David. *English as a Global Language*. Cambridge UP, 2012.

Damrosch, David. *What is World Literature? Princeton* UP, 2003.

Connell, Liam. "Global Narratives: Globalisation and Literary Studies." *Critical Survey*, vol. 16, nru 2, 2004, pp. 78-95, doi:10.3167/001115704782351672.

Eagleton, Terry. *The Ideology of the Aesthetic* . Blackwell Publishers, 8 ta' Frar, 1990.

Friggieri, Oliver. *L-Idea tal-Letteratura*. Bugelli, 1986.

Jay, Paul. *Global Matters: The Transnational Turn in Literary Studies*. Cornell UP, 2014.

Joy, Shaira May. "Globalisation and Literature." *Academia*, pp. 29-103. www.academia.edu/30226590/ Chapter_Two_Globalization_and_Literature. Aċċessat fid-29 ta' Marzu 2020.

Larson, Charles. "Heroic Ethnocentrism: The Idea of Universality in Literature." *The American Scholar*, vol. 42, nru 3, 1973, pp. 463-475. www.jstor.org/stable/41207133. Aċċessat fis-6 ta' Settembru 2019.

Naukkarinen, Ossi. "Aesthetics and Mobility – A Short Introduction into a Moving Field." *Aesthetics and Mobility*, vol. 1, 21 ta' Diċembru 2005. Contemporary Aesthetics, www.contempaesthetics. org/newvolume/pages/article.php?articleID=350.

O'Brien, Susie, u Imre Szeman. "Introduction: The Globalization of Fiction/the Fiction of Globalization." *The South Atlantic Quarterly*, vol. 100, nru 3, 2001, pp. 603-626. www. warwick.ac.uk/fac/arts/english/currentstudents/undergraduate/module s/fulllist/special/ globalnovel/100.3obrien.pdf. Aċċessat fis-26 ta' Frar 2020.

Obaid Chinoy, Sharmeen. "How can Artists Lead Dramatic Social Change?" World Economic Forum, 4 ta' Jannar, 2017. www.weforum.org/agenda/2017/01/how-can-artists-lead-dramatic-socialchange/. Aċċessat fit-28 ta' Ottubru 2019.

Parks, Tim. "Translating in the Dark." The New York Review of Books, 30 ta' Novembru, 2011. www. nybooks.com/daily/2011/11/30/translating-dark/. Aċċessat fl-20 ta' Marzu 2020.